

IL-PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

FINALI
A6-0234/2007

13.6.2007

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar programm Komunitarju ta' tikkettar ta' l-effiċjenza enerġetika tat-
tagħmir ta' l-uffiċċju (mill-ġdid)
(COM(2006)0576 – C6-0329/2006 – 2006/0187(COD))

Komitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Nikolaos Vakalis

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komunimaġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' ***tipa qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Pàġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .5	
DIKJARAZZJONI TA' SPJEGAZZJONI.....	10
PROĊEDURA	15

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm Komunitarju ta' tikkettar ta' l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju (mill-ġdid)

(COM(2006)0576 – C6-0329/2006 – 2006/0187(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0576)¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0329/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0234/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda 1
Premessa 3

(3) It-titjib ta' l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju jgħin biex titjeb il-kompetittività tal-Komunità u s-sigurtà tal-provvista *tal-provvista* tagħha ta' l-enerġija, u biex *jitħares* l-ambjent.

(3) It-titjib ta' l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju jgħin biex titjeb il-kompetittività tal-Komunità u s-sigurtà tal-provvista tagħha ta' l-enerġija, u biex *jitħarsu* l-ambjent *u l-konsumaturi*.

¹ Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ċar li apparti mill-benefiċċju globali rigward l-enerġija u l-ambjent, il-konsumatur għandu motivazzjoni qawwija li jagħżel tagħmir ta' l-uffiċċju li jkun effiċjenti mil-lat ta' enerġija, ukoll minħabba l-benefiċċju finanzjarju importanti li jirriżulta mit-tnaqqis ta' konsum ta' enerġija li l-konsumatur irid iħallas għalih.

Emenda 2 Premessa 13

(13) It-tikketta Energy Star hija użata mad-dinja kollha. Sabiex jiġu influwenzati r-rekwiżiti ta l-iskema tat-tikkettar ta l-Energy Star , il-Komunità għandha tipparteċipa f'din l-iskema ta' tikkettar u fit-fassil ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa. Waqt l-iffissar tal-*kriteji* tekniċi flimkien mal-US Environmental Protection Agency, il-Kummissjoni għandha timmira lejn livelli ambizzjużi ta' effiċjenza enerġetika .

(13) It-tikketta Energy Star hija użata mad-dinja kollha. Sabiex jiġu influwenzati r-rekwiżiti ta l-iskema tat-tikkettar ta' l-Energy Star, il-Komunità għandha tipparteċipa f'din l-iskema ta' tikkettar u fit-fassil ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa. Waqt l-iffissar tal-*kriterji* tekniċi flimkien mal-US Environmental Protection Agency, il-Kummissjoni għandha timmira lejn livelli ambizzjużi ta' effiċjenza enerġetika, ***minħabba l-politika Komunitarja ta' l-effiċjenza enerġetika u l-miri tagħha ta' effiċjenza enerġetika.***

Ġustifikazzjoni

L-effiċjenza enerġetika hija waħda mill-politiki ewlenin ta' l-enerġija ta' l-Unjoni Ewropea kif espressa f'bosta dokumenti tal-KE. Ir-regolament ta' l-Energy Star għandu jkun konformi mal-politiki ta' l-effiċjenza enerġetika hawn fuq imsemmija u ma' l-oġjettivi stabbiliti mill-UE.

Emenda 3 Artikolu 5, paragrafu 2

2. Id-deċiżjoni li tawtorizza applikant li jsir parteċipant fil-programm għandha tittieħed mill-Kummissjoni, wara li tkun ivverifikat li l-applikant qabel li jikkonforma mal-linja ta' gwida *mall*-utent tal-*Lowgo* Komuni li hemm fl-Anness B għal *Ftehim*. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq l-internet lista aġġornata ta' parteċipanti fil-programm.

2. Id-deċiżjoni li tawtorizza applikant li jsir parteċipant fil-programm għandha tittieħed mill-Kummissjoni, wara li tkun ivverifikat li l-applikant qabel li jikkonforma mal-linja ta' gwida *mill*-utent tal-*Logo* Komuni li hemm fl-Anness B għal *Ftehim*a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq l-internet lista aġġornata ta' parteċipanti fil-programm ***u għandha tippreżentaha lill-Istati Membri b'mod regolari.***

Ġustifikazzjoni

In-notifikazzjoni ta' l-Istati Membri tal-parteċipanti tal-Programm hija azzjoni faċli u rħisa (eż. tintbagħat email bil-lista mehmuża ta' parteċipanti), iżda hija azzjoni li jista' jkollha impatt kbir biex l-Istati Membri jinżammu aġġornati u mgħarrfa.

Emenda 4 Artikolu 6

Sabiex jitħeġġeġ il-bejgħ ta' prodotti ta' tagħmir għall-uffiċċju effiċjenti enerġetikament, il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra tal-Komunità, kif ukoll awtoritajiet pubbliċi oħra fuq livell nazzjonali, għandhom, mingħajr preġudizzju għal leġislazzjoni Komunitarja u nazzjonali, u kriterji ekonomiċi, ***jinkoraġixxu l-użu ta' rekwiżiti ta' l-effiċjenza enerġetika mhux inqas eżiġenti mill-Ispeċifikazzjonijiet ta' l-Energy Star fejn jiddefinixxu r-rekwiżiti tagħhom għall-akkwist ta' prodotti tat-tagħmir ta' l-uffiċċju.***

Għat-tul ta' żmien tal-Ftehma, il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra tal-Komunità, kif ukoll awtoritajiet tal-gvern ċentrali li jaqgħu taħt l-iskop tad-Direttiva 2004/18/KE għandhom, mingħajr preġudizzju għal leġislazzjoni Komunitarja u nazzjonali, u kriterji ekonomiċi, jispeċifikaw rekwiżiti ta' l-effiċjenza enerġetika mhux inqas eżiġenti mill-Ispeċifikazzjonijiet ta' l-Energy Star għal kuntratti ta' provvista pubblika li jilhqg l-limiti stipulati fl-Artikolu 7 tad-Direttiva msemmija.

Ġustifikazzjoni

Is-settur pubbliku għandu jagħti eżempju bil-kisba ta' l-objettivi ta' l-UE rigward l-effiċjenza enerġetika. L-akkwist pubbliku huwa l-aħjar qafas għall-promozzjoni ta' prodotti avvanzati, b'mod speċjali prodotti li jikkunsmaw l-enerġija, mhux biss billi jagħtu eżempju lill-konsumatur iżda wkoll billi jagħtu spinta deċiżiva lid-domanda tas-suq għal prodotti ta' effiċjenza enerġetika.

Emenda 5 Artikolu 8, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Il-Kummissjoni, meġhuna mill-ECESB, għandha ssegwi d-dħul fis-suq ta' prodotti li jkollhom Logo Komuni u l-iżvilupp ta' l-effiċjenza enerġetika ta' tagħmir ta' l-uffiċċji bil-għan ta' reviżjoni f'waqtha ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Ġustifikazzjoni

L-intenzjoni tal-Kummissjoni li tnedi sejħa għal offerti għal sħarriġ tas-suq dwar it-tagħmir ta' l-uffiċċju sabiex tappoġġja titjib fil-futur ta' kriterji ta' effiċjenza enerġetika, kif imsemmi fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta, għandha tkun provduta

wkoll bir-Regolament. L-irwol ewlieni ta' l-UE skond il-Ftehim Energy Star huwa l-parteciċipazzjoni tagħha fir-reviżjoni tal-kriterji tekniċi. Għalhekk għandha tissaħħaħ kwalunkwe azzjoni sabiex jiġi appoġġjat dan l-irwol.

Emenda 6

Artikolu 10, paragrafu 1, punt (b a) (ġdid)

(ba) inizjattivi edukattivi u promozzjonali;

Ġustifikazzjoni

Il-promozzjoni ta' prodotti Energy Star hija meħtieġa. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ir-responsabilità li jiksbu l-oġettivi ta' l-effiċjenza enerġetika stabbiliti minnhom stess, u għalhekk għandhom jittieħdu bosta miżuri f'dik id-direzzjoni. Il-flus gwadanjati mill-iffrankar ta' l-enerġija se jikkumpensaw sew dawk li se jintefqu biex il-konsumaturi jiġu infurmati. Wara kollox, it-tqajjim ta' kuxjenza m'għandux jiswa ħafna għal pagatur tat-taxxa Ewropew, u jista' jiġi integrat f'miżuri oħra li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika.

Emenda 7

Artikolu 11, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Meta l-membri ta' l-ECESB jagħtu l-opinjoni tagħhom lill-Kummissjoni, huma għandhom iqisu r-riżultati tal-fattibilità u l-istudji tas-suq, u teknoloġija disponibbli għat-tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija.

Ġustifikazzjoni

Kif diġà msemmi, l-irwol ta' l-ECESB għandu jitjieb, u mhux jitnaqqas. Għalhekk, meta r-rappreżentanti jippreżentaw l-opinjoni tagħhom dwar ir-reviżjoni tal-kriterji tekniċi, għandu jkollhom għarfien prattiku tar-riżultati ta' l-aktar studju riċenti. Ir-reviżjoni tal-kriterji tekniċi hija vitali għall-funzjonament tal-Programm u l-unika mod kif jiżdied valur ta' l-UE fil-programm Amerikan.

Emenda 8

Artikolu 11, paragrafu 4

4. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra partikolarment l-għan li tistabbilixxi Speċifikazzjonijiet Komuni f'livell ambizzjuż, kif provdut fl-Artikolu I, fil-paragrafu 4 tal-Ftehim, bl-għan li jitnaqqas il-konsum ta' l-enerġija u fl-istess waqt titqies kif jixraq it-

4. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra partikolarment l-għan li tistabbilixxi Speċifikazzjonijiet Komuni f'livell ambizzjuż, kif provdut fl-Artikolu I, fil-paragrafu 4 tal-Ftehim, bl-għan li jitnaqqas il-konsum ta' l-enerġija u fl-istess waqt titqies kif jixraq it-

teknoloġija disponibbli u l-ispejjeż relatati .

teknoloġija disponibbli u l-ispejjeż relatati. ***B'mod partikolari, qabel ma tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda, l-ECESB għandha tqis l-aħħar riżultati ta' l-istudji ta' l-ekodisinn.***

Ġustifikazzjoni

Kif diġa msemmi, l-irwol ta' l-ECESB għandu jitjieb, u mhux jitnaqqas. Għalhekk, meta r-rappreżentanti jippreżentaw l-opinjoni tagħhom dwar ir-reviżjoni tal-kriterji tekniċi, għandu jkollhom għarfien prattiku tar-riżultati ta' l-aktar studju riċenti. Ir-reviżjoni tal-kriterji tekniċi hija vitali għall-funzjonament tal-Programm u l-unika mod kif jiżdied valur ta' l-UE fil-programm Amerikan.

Emenda 9 Artikolu 12 a (ġdid)

Artikolu 12a

L-Evalwazzjoni

Sena qabel l-iskadenza tal-Ftehma, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, u tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, rapport li jimmoniterja l-effiċjenza enerġetika tas-suq tat-tagħmir ta' l-uffiċċju fil-Komunita u li jagħti evalwazzjoni ta' l-effettività tal-programm Energy Star. Ir-rapport għandu jinkludi data kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll data dwar il-benefiċċji miksuba mill-programm Energy Star, b'mod partikolari l-iffrankar ta' l-enerġija u l-benefiċċji ambjentali f'termini ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.

Ġustifikazzjoni

Ħasra li l-Kummissjoni m'għandhiex data statistika jew data kwantitattiva oħra derivata mill-implimentazzjoni tar-Regolament (eż. l-iffrankar ta' l-enerġija, in-numru ta' prodotti mibjugħa, eċċ.) u mill-paragun ma' data rispettiva fl-Istati Uniti ta' l-Amerika jew f'pajjiżi oħra fid-dinja. It-tressiq fil-ħin tar-rapport ta' evalwazzjoni jippermetti lil-leġiżlaturi u lil dawk li jfasslu l-politika biex jieħdu d-deċiżjonijiet it-tajba rigward implimentazzjoni futura.

DIKJARAZZJONI TA' SPJEGAZZJONI

1. Introduzzjoni

L-għan tar-regolament propost huwa li jimplimenta l-Ftehim l-għdida ffirmata fl-20 ta' Diċembru 2006 bejn il-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar il-koordinazzjoni ta' programmi ta' l-ittikkettar dwar l-użu effiċjenti ta' l-enerġija għat-tagħmir ta' l-uffiċċji¹, billi jirriformula r-Regolament 2422/2001/KE. Il-Ftehim Energy Star inizjali bejn il-KE u l-Istati Uniti ta' l-Amerika ġiet iffirmata fl-2000² u skadiet f'Ġunju 2006. L-UE ddeċidiet iġġedded il-Ftehim sabiex tkompli tuża l-programm Energy Star għal perjodu ieħor ta' ħames snin.

2. Għaliex l-UE tħoss il-bżonn li tippromwovi tagħmir ta' l-uffiċċji li jkollu użu effiċjenti ta' l-enerġija?

- L-użu effiċjenti ta' l-enerġija jagħmel parti kbira mill-iffrankar ta' l-enerġija u huwa kkunsidrat b'mod ġust bħala wieħed mill-pilastru ewlenin tal-politika ta' l-enerġija sostenibbli għall-Ewropa. Fi żmien ta' domanda li dejjem togħla għall-enerġija u ta' prezzijiet ta' l-enerġija dejjem telgħin, politika għall-effiċjenza ta' l-enerġija b'saħħitha tikkontribwixxi għal 1) tnaqqis fl-importazzjonijiet ta' l-enerġija, u għalhekk iżjed sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija, 2) tnaqqis fl-ispejjeż ta' l-enerġija, u għalhekk kompetittività miżjuda fl-ekonomija Ewropea, 3) tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gasijiet b'effett serra u għalhekk benefiċċji ambjentali miżjuda.
- It-tagħmir ta' l-uffiċċji għandu sehem dejjem jikber f'dak li hu konsum ta' l-enerġija fil-Komunità.
- L-isforzi nazzjonali biex titjieb l-effiċjenza ta' l-enerġija mhumiex biżżejjed.
- Iridu jsiru sforzi globali komuni favur it-thegħiġ għall-użu effiċjenti ta' l-enerġija biex jikkomplimentaw il-politika għall-użu effiċjenti ta' l-enerġija ta' l-UE.

3. Il-ftehim Energy Star il-għdida bejn il-KE u l-Istati Uniti ta' l-Amerika

Din il-ftehim l-għdida titlob li l-kriterji għall-użu effiċjenti ta' l-enerġija (speċifikazzjonijiet tekniċi) - kriterji li jridu jiġu sodisfatti minn prodott sabiex dan jikkwalifika għat-tikketta Energy Star - iridu jkunu eżiġenti u riveduti regolarment. Hemm titjib sinifikanti meta mqabbel mal-ftehim preċedenti. L-ewwel ħaġa, it-tikketta tista' tirrappreżenta biss l-aħjar 25% tal-prodotti li għalihom ikun hemm data disponibbli waqt il-perjodu li fih isiru l-kriterji. It-tieni ħaġa, kemm il-konsum ta' l-enerġija 'standby' kif ukoll dak 'on-mode' ikunu koperti. Bħala eżempju, l-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda għat-tagħmir ta' l-immaġini (kopjers, printers, scanners, faxes) huma meqjusa li jiffrankaw 17TWh fl-UE-25 fuq il-perjodu tat-tliet snin li ġejjin.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi żviluppatti b'mod konġunt mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u

¹ ĠU L 381 tat-28.12.2006, p. 26.

² ĠU L 172 tas-26.6.2001, p. 3.

l-KE permezz ta' l-entitajiet rispettivi tagħhom ta' l-immaniġġjar (jiġifieri, l-Aġenzija għall-Protezzjoni Ambjentali tal-US u l-Kummissjoni) u l-koperazzjoni mal-partijiet konċernati, huma awtomatikament applikati għall-ftehimiet bilaterali tal-USA ma' pajjiżi terzi. Kriterji eżiġenti jservu ta' inċentiv għall-manifatturi biex itejbu l-prestazzjoni ta' l-enerġija tal-prodotti tagħhom sabiex jikkwalifikaw għat-tikketta. Prodotti li jikkwalifikaw għat-tikketta huma rreġistrati f'database.

4. Għaliex titħeġġeġ skema ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika?

Ma' l-ewwel daqqa t'għajn, tidher stramba li l-UE għandha tiddependi fuq programm oriġinarjament maħluq u miżmum minn entità Amerikana (jiġifieri l-USEPA). Madankollu, ir-rapporteur huwa ta' l-opinjoni li l-iskema Energy Star tista' toffri vantaġġi reali għall-UE f'dak li hu t-tiftix għall-kisba ta' l-oġġettiv biex jiżdied l-użu effiċjenti ta' l-enerġija.

Il-Ftehma Energy Star tipprovdi lill-UE bl-opportunità li tilgħab rwol deċiżiv fi programm magħruf internazzjonalment li jiddefinixxi l-limiti ta' l-użu effiċjenti ta' l-enerġija. In-natura volontarja ta' l-iskema hija adattata għall-bżonn tal-flessibilità, minħabba li l-manifatturi jaġġustaw ruħhom għall-iżviluppi teknoloġiċi mingħajr ma jkollhom jikkonformaw ma' tikketta oħra ġdida maħluqa mill-bidu. Numru konsiderevoli ta' liġijiet ta' l-UE jeżistu diġà fil-qasam tat-tikkettar ta' l-enerġija, eżempju t-tikkettar ta' l-enerġija bl-"iskala A sa G" għat-tagħmir domestiku, l-iskema ta' l-eko-disinn u l-premju għall-eko-tikketta. L-implimentazzjoni ta' dan il-programm b'mod esklużiv fil-qasam tat-tagħmir ta' l-uffiċċji hija mezz aċċettabbli li bih is-suq jitressaq lejn prodotti bl-użu effiċjenti ta' l-enerġija billi tiġi kkomplimentata l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-KE iżjed milli jiġu mmultiplikati t-tikketti eżistenti u jiżdiedu l-ispejjeż amministrattivi.

Dan l-approċċ għandu wkoll impatt pożittiv fuq il-kummerċ. It-tikketta Energy Star hija użata mad-dinja kollha u hija aċċettata b'mod wiesgħa mill-manifatturi. Hija diġà implimentata minn parteċipanti ewlenin tas-suq internazzjonali (USA, UE, il-Ġappun u oħrajn) u tista' naturalment isservi bħala pjattaforma għall-armonizzazzjoni internazzjonali tal-miżuri għall-użu effiċjenti ta' l-enerġija li twassal għal inqas spejjeż għall-implimentazzjoni u għal kuxjenza miżjuda favur l-użu effiċjenti ta' l-enerġija mill-konsumaturi. Anki jekk il-logo ta' l-Energy Star jidher fuq ħafna prodotti ta' l-Istati Uniti użati fl-Ewropa, ir-rapporteur jemmen bis-sħiħ li l-industrija ta' l-UE m'għandha xejn x'tibża' mill-kompetizzjoni internazzjonali sakemm din tkompli tissodisfa standards tekniċi għoljin.

5. Il-promozzjoni tal-prodotti Energy Star

Ibbażat fuq il-fehma li l-UE tista' tgawdi mill-iskema Energy Star, huwa d-dover tar-rapporteur li jipproponi emendi li jipromwovu bl-iktar mod effiċjenti l-prodotti tat-tagħmir ta' l-uffiċċji tat-tip Energy Star. Din il-promozzjoni għandha tiġi direzzjonata lejn kemm il-konsumatur kif ukoll il-manifattur Ewropew. Il-mezzi primarji li bihom jintlaħqu ż-żewġ gruppi fil-mira huma permezz ta' żieda fil-kuxjenza u permezz ta' l-akkwist pubbliku.

a. Miżuri għall-informazzjoni u għall-ħolqien ta' kuxjenza

Il-promozzjoni għall-konsumaturi tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri għall-informazzjoni u għall-ħolqien ta' kuxjenza li fil-mira tagħhom ikollhom is-setturi privat u pubbliku. Miżuri bħal dawn għandhom ifittxu li jsaħħu r-rikonoxxibilità tat-tikketta Energy Star. Il-konsumaturi għandhom ikunu informati dwar l-iffrankar potenzjali ta' l-enerġija u l-benefiċċji ambjentali li joħorġu mill-bejgħ ta' prodott għat-tagħmir ta' l-uffiċċji tat-tip Energy Star.

In-natura volontarja tal-programm Energy Star għall-manifatturi m'għandux jipprekludi l-obbligu li jiġi promoss il-programm. Domanda ikbar mill-konsumaturi għal prodotti bħal dawn se żżid il-forniment mill-manifatturi. Filwaqt li r-reġistrazzjoni volontarja fid-database ta' l-Energy Star tippermetti lill-manifatturi jsiru viżibbli għall-akkwist (tal-pubbliku), ir-rapporteur jemmen li din waħidha mhijiex biżżejjed bħala inċentiv. Hemm bżonn ta' miżuri komplimentari li jħeġġu l-programm mal-manifatturi, il-fornituri, in-negozjanti u l-iktar mal-pubbliku. Wara kollox, il-ħolqien ta' kuxjenza m'għandux jiswa ħafna għal pagatur tat-taxxa Ewropew, u jista' jiġi integrat f'miżuri oħra li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika. Il-flus miġbura mill-iffrankar ta' l-enerġija se jikkumpensaw sew għal dawk li se jintefqu biex il-konsumaturi jiġu infurmati.

b. L-akkwist pubbliku

Is-sehem liberu fis-suq biss mhuwiex biżżejjed biex jintlaħqu ta' malajr il-miri stabbiliti għall-użu effiċjenti ta' l-enerġija. Għalhekk, il-Parlament Ewropew irid iwassal messaġġ b'saħħtu favur l-impenn tas-settur pubbliku lejn prodotti tat-tagħmir ta' l-uffiċċji bl-użu effiċjenti ta' l-enerġija u għalhekk ir-rapporteur huwa sew favur dispożizzjoni mandatorja għall-akkwist pubbliku għax:

- Kif deher fl-esperjenza ta' l-Istati Uniti (fejn aġenziji federali huma meħtieġa li jixtru prodotti li jikkwalifikaw għall-Energy Star) u bi qbil sew, mhux l-inqas mill-Kummissjoni nnifisha¹, jekk l-awtoritajiet pubbliċi huma meħtieġa li jakkwistaw tagħmir li għall-inqas ikollu effiċjenza ta' l-enerġija kif stipulat fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' l-Energy Star, din tkompli tmexxi s-suq 'il quddiem lejn tagħmir iżjed effiċjenti. Verament dan iseħħ għax l-akkwist pubbliku jirrappreżenta porzjon kbir mis-suq li l-manifatturi huma interessati li jilħqu.
- Hekk kif l-akkwist pubbliku jżid id-domanda għal prodotti bi speċifikazzjonijiet tekniċi strinġenti, aħna għandna nistennew li l-ispeċifikazzjonijiet isiru ta' malajr iżjed eżiġenti, għalhekk iwasslu għal riżultati rapidi fl-iffrankar ta' l-enerġija.
- Domanda li toġhla taf tnaqqas l-ispiża attwali fis-suq għal tagħmir ta' l-uffiċċji bl-użu effiċjenti ta' l-enerġija.
- Is-settur pubbliku għandu jagħti l-eżempju fl-ilħuq tal-miri ta' l-UE għall-użu effiċjenti ta' l-enerġija.

6. L-irwol tal-Bord ta' l-Energy Star ta' l-UE (ECESB)

¹ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-programm Energy Star fil-Komunità Ewropea fil-perjodu 2001-2005 (COM(2006) 140 finali, 27.3.2006), pġ 5 u 8.

L-UE hija l-unika msieħba ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li tipparteċipa fir-reviżjoni tal-kriterji tekniċi, funzjoni ewlenija fil-programm Energy Star u fattur deċiżiv biex jiġu determinati l-profitti ta' l-enerġija. Għalhekk, l-UE għandha bżonn li l-ECESB jkun strument konsultattiv b'saħħtu sabiex jgħin lill-Kummissjoni fil-formulazzjoni u r-reviżjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għax dan il-proċess huwa ċentrali għall-iffrankar ta' l-enerġija fit-tagħmir ta' l-uffiċċji.

Ir-rapporteur jaqbel mal-Kummissjoni li l-flus tal-pagatur tat-taxxi Ewropew għandhom, f'sens ta' prijorità, jiġu qabel l-ispejjeż produttivi, bl-evitar mhux neċessarju ta' miżuri burokratiċi li huma ta' piż. Madankollu, m'għandniex innaqqsu, imma pjuttost inkabbru l-ECESB għax għandu rwol sinifikanti x'jilgħab.

7. L-assigurazzjoni tal-kredibilità tat-tikketta - Ir-rekwiżiti tar-rappurtar

Il-kredibilità tal-prodotti li jkollhom il-logo Energy Star hija l-bażi għas-suċċess tal-programm. Ladarba l-manifatturi jirreġistraw fid-database ta' l-Energy Star permezz ta' awto-ċertifikazzjoni, iridu jiffasslu ċertu mezz ta' evalwazzjoni u kontroll sabiex jippreservaw l-iffunzjonar propju tal-mekkaniżmu sħiħ. Il-mistoqsija hija jekk nistgħux niddependu fuq miżuri ad hoc dwar tagħmir ta' l-uffiċċji magħmulin minn Stati Membri, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, rivisti speċjalizzati eċċ... jew jekk il-Kummissjoni għandhiex tiegħu azzjoni iżjed diretta sabiex iżżomm il-partijiet interessati kontinwament aġġornati u informati. Kontrolli regolari jiggarrantixxu l-kredibilità tat-tikketta mingħajr ma jmorru kontra n-natura volontarja tagħha. It-tikketta għandha tintuża biss jekk il-prodotti jikkonformaw għal kollox mar-rekwiżiti ta' l-iskema tat-tikkettar.

Ir-regolament propost inaqqas b'mod drastiku, jew anki jelimina, dak li l-Kummissjoni tikkunsidra bħala piż amministrattiv eċċessiv. Madankollu, kwalunkwe tittjib fil-għbir u l-evalwazzjoni tad-data tal-programm Energy Star jikkontribwixxi bla dubju għall-promozzjoni aħjar ta' tagħmir ta' l-uffiċċji bl-użu effiċjenti ta' l-enerġija. Data teknika u kwantitattiva relevanti hija bżonnjuża sabiex ikun possibbli li jiġu evalwati l-ispejjeż u l-benefiċċji li joħorġu mill-implimentazzjoni propja tal-programm. Din id-data trid tkun disponibbli b'mod pubbliku, faċilment aċċessibbli u regolarment aġġornata sabiex issaħħaħ ir-rikonossibilità tal-programm u biex tmexxi l-partijiet interessati, speċjalment l-industrija, il-fornituri u l-konsumaturi.

Apparti d-data intenzjonata li żżomm lill-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili informati, aħna jkollna neżaminaw ukoll il-bżonn li ninformaw b'mod attiv l-istituzzjonijiet ta' l-UE u lill-Istati Membri. Meta jitqiesu r-riżorsi skarsi tagħha, il-Kummissjoni tidher li tixtieq telimina r-rekwiżiti formali eżistenti kollha tar-rappurtar. Madankollu, hija ħasra li l-Kummissjoni m'għandhiex data kwantitattiva dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (eż. iffrankar ta' l-enerġija, numru ta' prodotti mibjugħa eċċ.) meta data bħal din teżisti fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u pajjiżi oħra fid-dinja. Komunikazzjoni ta' din id-data tippermetti l-leġiżlaturi u dawk li jfasslu l-politika biex jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet fir-rigward ta' implimentazzjoni futura u biex jiġu kkordinati aħjar l-isforzi nazzjonali. L-għan ta' l-emendi relevanti proposti mir-rapporteur huwa li jħeġġu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu bis-serjetà r-responsabilità tagħhom li jilhq u l-miri għall-effiċjenza ta' l-enerġija li huma jkun stabbilixxew għalihom infushom.

PROĊEDURA

Titolu	Programm ta' tikkettar effiċjenti fis-sens ta' enerġija għal tagħmir ta' l-uffiċċju (verżjoni modifikata)		
Referenzi	COM(2006)0576 - C6-0329/2006 - 2006/0187(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	4.10.2006		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 12.10.2006		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 12.10.2006		
Opinjoni mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ENVI 28.11.2006		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Nikolaos Vakalis 23.11.2006		
Diskussjoni fil-kumitat	30.1.2007	12.4.2007	7.6.2007
Data ta' l-adozzjoni	7.6.2007		
Riżultat tal-vot finali	+: -: 0:	34 0 0	
Membri preżenti għall-vot finali	Philippe Busquin, Jorgo Chatzimarkakis, Giles Chichester, Silvia Ciornei, Den Dover, Nicole Fontaine, Adam Gierak, András Gyürk, Fiona Hall, Rebecca Harms, Erna Hennicot-Schoepges, Romana Jordan Cizelj, Werner Langen, Romano Maria La Russa, Reino Paasilinna, Atanas Papanizov, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Vladimír Remek, Teresa Riera Madurell, Paul Rübig, Andres Tarand, Britta Thomsen, Claude Turmes, Nikolaos Vakalis		
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Alexander Alvaro, Pilar Ayuso, Marie-Hélène Descamps, Christian Ehler, Robert Goebbels, Edit Herczog, Erika Mann, John Purvis, Esko Seppänen, Silvia-Adriana Țicău		